Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 270/2012

**Gauci Automobiles Co. Ltd. [C 18358] (appellanti)**

**vs**

**L-Awtorita' ghat-Transport Malta u Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment (MFEI) (appellati)**

28 ta' Frar 2017

**Il-Qorti:**

**Rat ir-rikors tas-socjeta` Gauci Automobiles Co. Ltd.** tat-12 ta' Settembru 2012 quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva permezz ta' liema ppremettiet ili kienet akkwistat vettura bin-numru tar-registrazzjoni HBM 072 li giet registrata fit-3 ta' Settembru 2012. Wara li hija kienet ivverifikat it-taxxa dovuta mal-awtorita fit-18 Ottubru 2011, il-valur ta' registrazzjoni ta' din il mudell ta' karrozza kienet indikat bhala €26,350 u t-taxxa dovuta kienet dik ta' €17,702. Izda meta eventwalment is-socjeta' rikorrenti mportat il-karrozza in kwistjoni u giet biex tirregistraha, il-valur ta' registrazzjoni mill-Awtorita' ntimata gie valutat €39,873 u t-taxxa dovuta u mhallsa fit-28 t'Awissu 2012 kienet €24,495. Is-socjeta' rikorrenti lmentat li ma tistax tifhem kif fuq l-istess mudell ta' karrozza uzata, il-valur ta' registrazzjoni zdied flok naqas. Inoltre fil-fehma tas-socjeta' rikorrenti il-valur ta' registrazzjoni kif giet mahduma mill-Awtorita' f'Awissu 2012 ma tirreflettiex il-valur kif suppost gie mahdum skont l-Artikolu 9 (2) tal Kap. 368 tal Ligijiet ta Malta, u b'hekk it-taxxa mhallsa kienet izjed milli suppost skont il-ligi. Hija talbet ghalhekk lit-Tribunal sabiex jiddikjara illi hija hallset taxxa zejda lil Gvern fuq dina l-vettura u sabiex jordna lill-intimati jew min minnhom jirriffondulha l-flus mhallsa zejda.

**Rat r-risposta ta' Transport Malta**[1] tal-10 t'Ottubru 2012 fejn gie eccepit in linea preliminari li a tenur tal-Kap 499 tal-Ligijiet ta' Malta, isem l-Awtorita' ntimata huwa l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta u ghalhekk ghandha ssir id-debita korrezzjoni. Fil-mertu, l-Awtorita' rribattiet li t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu michuda peress illi l-valur ta' registrazzjoni u t-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura HBM 072 huma legali, gusti u ghandhom jigu konfermati.

[1] Fol 11.

Rat ir-risposta **tal-Ministeru tal-Finanzi Ekonomija u Investiment**[2]**,** tal-10 ta' Ottubru 2012, permezz ta' liema gie eccepit illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghax (i) il-valur li ghandu jithallas bhala valur ta' registrazzjoni minn persuna li takkwista vettura huwa marbut mad-data tar-registrazzjoni tal-vettura u mhux ma' data ohra precedenti jew ulterjuri ghal dik tar-registrazzjoni. F'kull kaz, fir-rigward ta' kif gie mahdum il-valur ta' registrazzjoni tal-vettura mertu tal-proceduri odjerni, minn indagini illi ghamel l-esponenti jirrizulta illi dan inhadem b'mod gust, u li ghaldaqstant kwalunkwe taxxa mhallsa mir-rikorrenti saret skont il-ligi.

Rat **is-sentenza preliminari tat-Tribunal tal-10 ta' Marzu 2014**[3] li cahdet l-eccezzjoni preliminari tal-awtorita' ntimata dwar il-kompetenza tat-Tribunal biex jisma' l-kaz;

Rat **is-sentenza finali tal-istess Tribunal tas-6 ta' Ottubru 2015** li ddecidiet hekk:

*"Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata stante li din giet sorvolata b'digriet tal-4 ta' Dicembru 2012, jilqa' t-tielet u r-raba' eccezzjoni tal-Awtorita` intimata u l-eccezzjonijiet kollha tal-Ministeru intimat u jichad l-appell tas-socjeta` rikorrenti.*

*Bl-ispejjez a karigu tas-socjeta` rikorrenti."*

Is-socjeta' rikorrenti appellat mid-decizjoni tat-Tribunal quddiem din il-Qorti u l-intimati appellati wiegbu konguntivament[4]. Waqt is-seduta tal-14 t'Ottubru 2016[5] dehru r-rapprezentanti tal-partijiet assistiti mid-difensuri taghhom u saret trattazzjoni.

Il-Qorti rat l-atti.

**L-aggravju**

Sintetikament l-ilmenti huma li:

i. It-Tribunal naqas li jaghmel approfondiment tal-artikolu 9 tal-Kap 368 u l-ewwel Skeda tal-Att li jirregolaw il-metodu ta' registrazzjoni ta' vetturi uzati, liema dispozizzjonijiet essenzjalment jesigu li l-valur ta' registrazzjoni ta' tali vetturi jinhadem fuq il-valur tal-vettura u d-deprezzament tal-istess vettura minn gdida;
ii. Vettura uzata ma jista' qatt ikollha valur ta' registrazzjoni oghla minn vettura gdida;

[2] Fol 13.

[3] Fol 39 et seq.

[4] Fol 18 et seq.

[5] Fol 25.

iii. Il-kuncett li kellu jigi akkolt jew rifjutat fil-prim istanza kien wiehed ta' accertament jekk is-sistema elettronika introdotta mill-Awtorita' tat-Trasport kinitx jew le tahdem il-valur ta' registrazzjoni u t-taxxa ta' registrazzjoni ai termini tal-ligi;
iv. Is-socjeta' appellanti ippruvat li s-sistema ma kinitx qed tahdem kif suppost tant li mhux biss kienet ripetutament qed tintalab thallas taxxa ta' registrazzjoni oghla minn dak kwotat izda addirittura taxxa ferm oghla minn dik ta' vettura gdida, u dan kontra l-istess ligi;
v. Nonostante dan it-Tribunal, kuntrarjament ghal dak li ghamel fil-proceduri fl-ismijiet premessi Rik Nru 266/12, ma laqax il-kuncett ta' deprezzament tal-vettura in kwistjoni u li s-sistema elettronika kienet zbaljata fiz-zmien li saru l-kalkoli elettronici.

Mill-atti jirrizulta li:

i. Fit-3 ta' Settembru 2012 is-socjeta' appellanti rregistrat vettura uzata tal-ghamla **BMW - X6 Xdrive 30D Coupe bin-numru ta' registrazzjoni HBM 072**[6];
ii. Ix-xhud Mark Gauci, in rapprezentanza tas-socjeta' appellanti xehed li s-socjeta' rrikorriet quddiem it-Tribunal ghal rimedju ghax *"ir-registration tax illi qeghda tithallas fuq karozza uzata f'certu cirkustanzi qed tkun daqs karozza gdida jew izjed*[7]*"*;
iii. Fil-kaz odjern Gauci jghid li wasal ghal konkluzjoni li taxxa ta' registrazzjoni mhallsa fuq il-vettura in kwistjoni kienet aktar gholja minn wahda gdida u ghalhekk zbaljata ghax huwa ghamel paragun ma' karozza gdida identika bhalha[8];
iv. Minkejja li x-xhud prometta li kien ser jesebixxi d-dokumentazzjoni li fuqha kien ghamel tali paraguni, huwa baqa' ma pproduca ebda prova ta' dan[9];
v. Ix-xhud insista li fis-sistema taghha l-Awtorita' jkollha *record* tat-taxxa ta' registrazzjoni li tithallas fuq vettura gdida u fuq vettura identika uzata[10];
vi. Kien hemm okkazjonijiet fejn wara laqghat li saru bejn rapprezentanti tal-intimati u s-socjeta' appellanti giet imnaqqsa t-taxxa ta' registrazzjoni dovuta minhabba kalkolu skorrett tal-valur ta' registrazzjoni da parti tal-Awtoritajiet[11];
vii. Giet esibita mis-socjeta' appellanti dokumentazzjoni li turi li fl-2009, fir-rigward ta' vettura BMW 1 Series 120d li s-socjeta' appellanti kienet xtrat ghall-prezz ta' Eur12,000 il-valur ta' registrazzjoni li fuqu thallset it-taxxa kien kalkulat ghal Eur15,227 u wara lment li tressaq mill-istess socjeta' il-valur ta' registrazzjoni tal-vettura rega' gie kalkulat mill-Awtorita' appellata u nghatalha rifuzjoni ta' Eur798.53 taxxa ta' registrazzjoni[12];

---

[6] Fol 3.

[7] Fol 37A.

[8] Fol 37D.

[9] Fol 55-56.

[10] Fol 37E.

[11] Fol 50-51.

[12] Fol 57A-57D.

viii. Giet esibita dokumentazzjoni ohra, ukoll tal-2009, fejn wara lment simili mis-socjeta' appellanti fir-rigward ta' vettura Jaguar Xf JAG-270 l-Awtorita' rrifondiet lill-istess socjeta' is-somma ta' Eur4,237.42 bhala d-differenza ta' taxxa ta' registrazzjonni mhallsa ndebitament[13];

ix. Is-socjeta' appellanti prezentat ukoll Avviz tal-Awtorita' ntimata tat-18 t'Ottubru 2011 li juri l-valur ta' registrazzjoni fuq vettura simili BMW X6 XDrive bhala Eur26,350.00 u t-taxxa ta' registrazzjoni kalkulata fuqha fis-somma ta' Eur25,818 (*system defined*) u Eur17,702 (*user defined*)[14], kif ukoll id-dokument tal-Awtorita' li jirrigwarda l-vettura mertu ta' dawn il-proceduri datat 28 ta' Awissu 2012 u li juri li l-valur ta' registrazzjoni fuq din il-vettura gie kalkulat ghal Eur39,873.00 bit-taxxa ta' registrazzjoni tammonta ghal Eur24, 495[15].

x. L-intimati ma ressqu ebda provi u lanqas gew imharrka biex jixhdu mis-socjeta' appellanti.

Qabel kull konsiderazzjoni ohra l-Qorti tqis opportun li jigu elenkati s-segwenti principji stabbiliti fil-gurisprudenza. Inghad fil-kaz **Chef Choice Limited vs Raymond Galea et deciz fis-26 ta` Settembru 2013[16]** -

*"……il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b`mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall- ħelsien tal-parti mħarrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - **Hans J. Link et vs Raymond Merċieca**). Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma` dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, l-Qorti tista` tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. **Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha[17]** (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 - **Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil**).*

*Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f`kawża li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova (Art. 559 tal-Kap 12)."*

Is-socjeta' appellanti tibbaza l-kawzali taghha fuq il-premessa li:

i. Il-valur ta' registrazzjoni fuq vettura wzata ghandu jinzel u mhux jitla' maz-zmien;

---

[13] Fol 57E-51K.

[14] Fol 4 – Dok B.

[15] Fol 5 – Dok C.

[16] Cit Nru 2590/1999.

[17] Tipa grassa b'enfasi tal-Qorti.

ii. **Fil-fehma taghha**, **il-valur ta' registrazzjoni kif mahdum fuq il-vettura mertu ta' din il-kawza f'Ottubru 2012** ***"ma tirriflettix il-valur kif suppost gie mahdum skont l-Artikolu 9 (2) tal-Kap 368 tal-Ligijiet ta' Malta."*** Per konsegwenza, skont is-socjeta' appellanti hija hallset taxxa ta' registrazzjoni zejda fuq din il-vettura.

L-artikolu 9 (2) tal-Att dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (Kap 368 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi hekk -

*(2) Il-valur ta' reġistrazzjoni ta' vettura bil-mutur użata fil-kategorija M1, motor cycle, quad bike, kwadriċikletta jew vettura classic, vintage jew veteran importata jew miġjuba f'Malta għandu jitqies li jkun il-medja tal-valur tas-suq ta' vetturi bil-mutur identiċi, ekwivalenti jew simili fis-suq Malti, u dak il-valur għandu jiġi kalkolat billi jiġi deprezzat il-valur tal-fattura tal-manifattur kif ukoll, meta jkun japplika, l-assigurazzjoni u l-ġarr ta' dik il-vettura importata jew miġjuba f'Malta bħala ġdida jew manifatturata f'Malta hekk kif ikun il-valur fis-suq Malti preżenti:*

*Iżda l-valur fis-suq Malti preżenti għandu jiġi determinat fil-waqt li tiġi imposta t-taxxa fuq il-vettura bil-mutur."*

Vetturi tal-kategorija M1 bhal dik mertu ta' dawn il-proceduri huma regolati mit-Tieni Skeda tal-Att.

Mid-dokumenti mehmuza mar-rikors promotur jirrizulta li ghall-vettura BMW X6 Diesel Estate:

i. Fit-18 ta' Ottubru 2011 l-Awtorita ddikjarat li l-valur ta' registrazzjoni tal-vettura kien €26,350;
ii. Fis-28 ta' Awissu 2012, l-Awtorita ddikjarat li l-valur ta' registrazzjoni tal-vettura kien €39,873;

Dan ifisser differenza ta' **€13,523 iktar**. L-appellata ma ressqitx provi. Pero' mid-dokument B u C hu evidenti li kuntrarjament ghal dak li ppremettiet l-appellanti, dawn id-dokumenti ma jirreferux ghall-istess vettura. Tant hu hekk li:

i. Dok. B jirreferi ghall-vettura bin-numru ta' registrazzjoni YG10XJJ registrata fit-22 ta' Mejju 2010;
ii. Dok. C jirreferi ghall-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DS12WPM registrata fit-28 ta' Awissu 2012.

Hemm ukoll numru ta' differenzi li huma rilevanti:

i. Dok. B jirreferi ghal BMW X5, XDrive 35d 5dr registrata fit-22 ta' Mejju, 2010 u li kellha 9,379 mil. Inoltre $CO_2$ g/km hu 220.
ii. Dok. C jirreferi ghal BMW X6 XDrive 40d 5dr fid-27 ta' Gunju 2012 u li kellha 207 mil biss. Inoltre $CO_2$ g/km hu 198.

Fir-rikors promotur l-appellanti ppremettiet:

*"Illi socjeta rikorrenti* ***kienet verifikat it-taxxa dovuta mal-awtorita fit-18 ta' Ottubru 2011****, skont l-anness Dok. B, fejn ir-registration value ta' din it-tip ta' karozza kienet murija bhala €26,350 u t-taxxa dovuta kienet dik ta' €17,702".*

Dok. B jirreferi ghall-vettura differenti minn dik odjerna, u hu evidenti li d-dokumenti nhareg minn Transport Malta wara li sar ezami tal-vettura partikolari mit-*technical unit* tal-Awtorita (ara t-timbru li hemm fuq id-dokument). F'dan il-kaz l-appellanti mhijiex taghmel paragun ta' *like with like* u ghaldaqstant l-argumenti taghha m'ghandhom ebda bazi. Bizzejjed jinghad li Dok. C qieghed jirreferi ghall-vettura li giet manifatturata fis-sena 2012 filwaqt li Dok. B jirreferi ghall-vettura li giet manifatturata fl-2010 jew qabel.

Il-qorti tinnota wkoll li minkejja l-ilment tal-appellanti, it-taxxa mhallsa a bazi ta' Dok. C hi inqas minn dik imhallsa a bazi ta' Dok. B bis-somma ta' €1,323.

Dan il-kaz hu differenti mill-appell 266/2012 fejn Dok. B kien *printout* ta' verifiki li jidher li l-appellanti kienet ghamlet fuq il-*website* tal-Awtorita ghal *Used Motor Vehicle Valuation*. Fil-kaz in ezami m'hemmx provi li jindikaw li l-appellanti ghamlet verifiki simili qabel ma mpurtat il-vettura f'Malta.

Ghalkemm fir-rikors tal-appell sar l-argument li, *"vettura wzata qatt ma jista' jkollha registration value ghola minn vettura gdida……"*, f'dan il-kaz ma saret l-ebda prova li hekk gara.

L-appellanti ssostni li l-valur ta' registrazzjoni ma gietx kalkolata a bazi tal-Artikolu 9(2) tal-Kap. 368. Pero' ma saret l-ebda prova ta' dan. Dan apparti li lanqas ma pprezentat xi kalkoli biex turi x'suppost kien il-valur ta' registrazzjoni a bazi ta' l-imsemmija disposizzjoni. Inoltre, r-riferenza li ghamlet fir-rikors tal-appell ghall-ewwel skeda tal-Kap. 386 hi barra minn lokha ghaliex dik l-iskeda ma tapplikax ghall-kaz in ezami. Il-vettura in kwistjoni hi tal-kategorija M1 u mhux dawk li jissemmew fl-ewwel skeda.

Inoltre z-zewg dokumenti l-ohra esibiti mis-socjeta' appellanti Dok MG 1 u Dok MG 2 ukoll ma jitfghu ebda dawl konkret fuq l-ezercizzju mehtieg ghall-fini ta' korrettezza o meno tal-kalkolu tal-valur ta' registrazzjoni tal-vettura. Ghalkemm Dok MG 1 jirreferi ghal vettura BMW ukoll, il-mudell huwa differenti u hemm avarija kemm fid-data ta' registrazzjoni ta' dik il-vettura li tirrisali ghal diversi snin qabel – ergo anke l-valur fis-suq taghha kien divers. Id-dokument MG 2 imbaghad jirreferi ghal vettura Jaguar Xf li m'ghandha x'taqsam xejn mal-vettura oggett ta' dawn il-proceduri. Ghaldaqstant, ghalkemm dawk il-provi jistghu jkunu ndizju illi s-sistema ta' kalkolu tal-valur ta' registrazzjoni mhijiex infallibbli u tista' taghti lok ghal zbalji kif irrizulta almenu f'dawk iz-zewg kazijiet imsemmija, ma jistax iwassal ghal xi konkluzjoni li fil-kaz in ezami l-valur ta' registrazzjoni likwidat mill-appellata kien zbaljat.

Ghalkemm is-socjeta' appellanti targumenta li l-Awtorita' ntimata biss setghet tipproduci l-kalkoli tal-valutazzjoni mehtiega sabiex jigi konfermat jekk sarux zbalji jew le, eppure hija f'ebda hin ma harrket lir-rapprezentanti tal-intimati sabiex jipprovdu tali nformazzjoni nonostante li kienet indikathom bhala xhieda taghha fir-rikors promotur. Anke jekk l-intimati ghazlu li ma jressqu ebda xhieda, dan ma jwassalx ghal ammissjoni jew konferma tat-talbiet tal-appellanti ghax kif inghad, l-oneru tal-prova li l-valur ta' registrazzjoni fuq il-vettura ma kienx mahdum skont il-ligi huwa fuq l-appellanti u mhux fuq l-intimati.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tqis li kellu ragun it-Tribunal jikkonkludi li, "*fl-assenza kwazi totali ta' provi li jsostnu l-appell tas-socjeta' rikorrenti ma jistax jintlaqa' l-appell imressaq mill-istess socjeta*". Ghall-istess ragunijiet, l-aggravju tas-socjeta' appellanti ma jistax jirnexxi.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.